**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 2 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 306/2015**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 2300/2015**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054), Enemalta plc u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Ignazio Licari (K.I. 241744M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn **Ignazio Licari** fid-9 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi preliminarjament, dawn huma proċeduri duplikati u ċioe` l-preżentata tagħhom tmur kontra l-prinċipju sagrosant ta' ne bis in idem stante illi l-istess proċeduri b'inkartament indentiku ġja ġew ippreżentati fl-erbgħa (4) ta' Awwissu 2015 u jġibu n-numru ta' riferenza 1860/2015, u sar ukoll rikors a tenur ta' l-Artikolu 466(2) fejn l-istess rikorrent qiegħed jikkontesta l-istess, liema rikors jinsab appuntat għas-smiegħ għall-ħmistax (15) ta' Ottubru quddiem l-Onor. Maġistrat Dr Francesco Depasquale, u għaldaqstant tali proċeduri għandhom jiġu immedjatament respinti bl-ispejjeż kontra l-'Automated Revenue Management Services Limited (C 46054), Enemalta plc u Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma'.*

2. *Illi subordinatament, a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, fil-mertu r-rikorrent jagħmel riferenza għal dak sottomess fir-rikors numru 250/2015 appuntat għas-smiegħ għad-data tal-15 ta' Ottubru 2015;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara t-talba tal-intimati, kif dedotta fl-ittra uffiċjali bin-numru 2300/2015 u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa ma l-istess ittra, bħala infondata fil-fatt u fid-dritt, salv provvedimenti u dikjarazzjonijiet oħra illi dina l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri li ggib in-numru 2300/2015 ipprezentata fil-15 ta' Settembru 2015 minn **Automated Revenue Management Services Limited** f'isimha proprju u ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn interpellat lir-rikorrent sabiex ihallas l-ammont ta' sitt elef, sitt mija, tmienja u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€6,658.66) rapprezentanti arretrati ta' kontijiet ta' dawl, ilma, kera tal-meters, *connection* u *disconnection fees* u spejjez amministrattivi flimkien ma' imghax fuq l-istess bilanc.[1]

Rat l-ittra ufficjali numru 1860/2015[2] ipprezentata fl-4 ta' Awissu 2015 fil-konfront tar-rikorrent li tikkontjeni dettalji identici u talbiet identici ghal dawk kontenuti fl-ittra ufficjali bin-numru 2300/2015.

Rat li l-intimati ma pprezentaw l-ebda risposta ghalkemm debitament notifikati bir-rikors promutur fid-19 ta' Ottubru 2015.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta illi l-ittra ufficjali impunjata b'dawn il-proceduri hija identika ghal dik ipprezentata mill-intimati fl-4 ta' Awissu 2015. Dan ifisser illi l-intimati kienu diga iddeducew il-pretensjonijiet taghhom fl-istess ittra u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ittra ufficjali sussegwenti, u cioe dik mertu ta' dan ir-rikors, kienet regghet giet ipprezentata biss bi svista.

Illi jirrizulta wkoll illi l-ittra ufficjali bin-numru 1860/2015 giet ukoll impunjata mir-rikorrent u hemm proceduri pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rikors Numru 250/2015) u dak li se jigi

[1] A fol. 18 sa 20 tal-process
[2] A fol. 13 sa 15 tal-process

deciz permezz ta' din id-decizjoni qed isir minghajr pregudizzju kwalunkwe ghall-ezitu ta' dawk il-proceduri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdha tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara t-talba tal-intimati kif dedotta fl-ittra ufficjali numru 2300/2015, u fid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess ittra, bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija pretensjoni li diga` giet dedotta fl-ittra ufficjali bin-numru 1860/2015.

Bl-ispejjez kontra l-intimati solidament bejniethom.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**